# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.1

**Kap 8: Ta' madwari**

**Lezzjoni 8.1: Ferħanin li nkunu flimkien**

**L-Għanijiet:**

Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1. jifhmu xi jfisser il-ferħ veru permezz ta' eżempji/stejjer varji.
2. ikunu kapaċi jagħmlu distinzjoni bejn ferħ (temporanju) u ferħ vera (permanenti) billi jpoġġu l-eżempji mogħtija taħt il-kolonna t-tajba.
3. jiddiskutu kif billi jħaddmu ċertu valuri, dawn ser iwasslu għall-ferħ veru, ser jgħinhom jikbru f'persuni aħjar.



**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- http://www.godvine.com/This-Dad-Feared-Nothing-Could-Calm-His-Crying-Baby-When-He-Found-The-Secret-I-Found-The-Tissues--5629.html
- Il-karti ta' taħriġ 8.1
- 'Powerpoint' – 8.1 Stejjer
- Diska H-A-P-P-Y



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Aqsam il-wajtbord fi tnejn u fuq ix-xellug ikteb *Bżonnijiet*, u fin-naħa tal-lemin ikteb *Xewqat*.
  Staqsi lit-tfal sabiex jagħtu xi eżempji għall-bżonnijiet u wara għax-xewqat. Tista' wkoll tigwida lit-tfal billi tagħtihom eżempju int u huma jgħidu fejn għandha titpoġġa.

  E.ż. li niekol ikel bnin (b), li nilgħab u nistrieħ (b), li jkolli l-isbaħ karozza (x), li jkolli ħafna flus biex nixtri l-ġugarelli li nixtieq (x) ....

- Uri l-vidjow minn [http://www.godvine.com/This-Dad-Feared-Nothing-Could-Calm-His-Crying-Baby-When-He-Found-The-Secret-I-Found-The-Tissues--5629.html](http://www.godvine.com/This-Dad-Feared-Nothing-Could-Calm-His-Crying-Baby-When-He-Found-The-Secret-I-Found-The-Tissues--5629.html)
- Waqqaf il-vidjow hekk kif il-missier iċempel lil martu u staqsi lit-tfal, "Għaliex taħsbu li qed tibki t-tarbija?"
  "X'taħsbu li għandha bżonn?" Isma' t-tweġibiet tat-tfal. Probabbilment ser jirrelataw/jmissu ma' xi punti li jkunu ssemmew fuq il-board.
- Kompli l-vidjow u wara staqsi lit-tfal, "X'waqqafha milli tibki t-tarbija?" It-tweġiba hi: l-imħabba u li kellha lil xi ħadd qrib tagħha.
- Staqsi jekk din kinitx sempliċiment xewqa jew inkella bżonn. Wara li joħroġ il-punt ta' kemm hi importanti l-imħabba f'ħajjitna, staqsi lit-tfal kif jaħsbu li ħassitha t-tarbija u l-missier hekk kif kienu mgħannqin flimkien. → FERĦANIN
- Spjega illi fil-lezzjonijiet li ġejjin ser inkunu qed niffukaw fuq il-FERĦ VERA f'ħajjitna u xi jwassal biex inkunu verament ferħanin.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



1. Erġa rreferi għal-lista tal-bżonnijiet u xewqat u staqsi, "Liema ma ngħaddux mingħajrhom? Għaliex?"
   Iddiskutu mat-tfal li billi ma nwettqux ix-xewqat kollha dan ma jfissirx li ma nistgħux inkunu kuntenti/ferħanin. Li jkollna ċertu bżonnijiet neqsin, jaffettwawna ferm iżjed.

2. Uri l- Powerpojnt 8.1:

   Spjega li ser jisimgħu stejjer differenti u wara ser iwieġbu xi mistoqsijiet dwarhom.Wara li tinqara l-*ewwel storja* staqsi:

- *X'tistgħu tgħiduli dwar il-karattru ta' Jake?*
- *Min xiex m'huwiex nieqes Jake?*
- *Taħsbu li huwa kuntent/ferħan?*
- *Għaliex?*
- *Kif taħsbu li jista' jkun aktar ferħan?*
- *X'jista' jagħmel hu?*

3. Wara li tinqara t-*tieni storja* staqsi:

- *Taħsbu li Mike huwa kuntent?*
- *Għaliex taħsbu li ma tantx jixtrulu ġugarelli ġodda?*
- *Taħsbu li hu mdejjaq minħabba li ma jkollux ġugarelli ġodda ta' spiss?*
- *Għaliex?*

4. Kompli uri l-ppt: It-2 parti: Stejjer qosra: Noħorġu l-punti saljenti tal-lezzjoni:Ser jinqraw stejjer differenti u għal kull sitwazzjoni t-tfal huma mħeġġa jwieġbu mistoqsija qasira. Minnhom ser noħorġu l-importanza tal-imħabba, tal-maħfra, tal-użu tat-talenti u kif ukoll li ngħinu, li nikkontribwixxu biex inkunu FERĦANIN f'ħajjitna.

5. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.1 u wara li tispjega s-silta mogħtija, spjega li fl-ewwel parti huma mħeġġa jniżżlu dak li jiġihom f'moħħhom meta jisimgħu bil- kelma ferħ. Iddiskutu flimkien li huma xorta waħda jistgħu jniżżlu 'rigali' eċċ... għaliex fl-aħħar mill-aħħar huma jridu jniżżlu dak li jħossu. Fakkar ukoll f'rigali oħra li tagħtilna Alla u li jferrħuna f'ħajjitna (il-familja...).

6. Iddiskuti Attività 2 u flimkien aslu biex tniżżli l-kliem taħt il-kolonna t-tajba.

- Aqra u ddiskuti Attività 3 u asal għall-punt li mhux ir-rigal li nagħtu li jkunu importanti, imma li nifhmu li l-ħbiberija hija l-ikbar rigal.

- Agħlaq il-lezzjoni bis-song H-A-P-P-Y.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Meta nħobbu, napprezzaw, naħfru u ngħinu nkunu kuntenti ħafna.
2. Meta nużaw it-talenti li tana Alla sew aħna nistgħu nkunu kuntenti ħafna.
3. L-affarijiet li nixtru bil-flus m'humiex l-iktar ħaġa importanti biex inkunu ferħanin.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

Il-ferħ ma jinxtarax bil-flus iżda ħafna drabi huma affarijiet żgħar li aħna nistgħu nagħmlu matul ħajjitna kollha. It-tfal juru rieda tajba biex jaħfru u jgħinu lil xulxin.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Iftaħ id-diska H-A-P-P-Y. It- tfal ser jkunu jistgħu jkantaw mad-diska peress li ser tidher il-lirika fuq l-iscreen.



**Nitolbu**

Grazzi, Mulej, għat-talenti, għall-familja u għall-ħbieb kollha li tajtni. Nitolbok, Mulej, biex tgħinni dejjem napprezza dak kollu li għandi u naħfer lil dawk li jiżbaljaw bħalma rrid li jaħfru lili.

